**6 ta' Novembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Dottor Louis Bianchi *noe*

*versus*

Michelle Cassar

## Danni - Inċident Awtomobilistiku

*L-assikuratur surrogat aġixxa biex jirkupra danni sofferti mill-assikurat. Il-Qorti ċahdet it-talba u kkwotat b'approvazzjoni insenjament tal-Qorti ta' l-Appell fis-sens illi "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi, bħalma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piż ta' vejikolu, l-istat ta' l-art u rapporti oħra kontinġenti; u (b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dik li komunement tissejjaħ* a reasonable careful look out", *liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment viżibbli ...".*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha, wara li ppremetta:

Li fis-6 ta' Settembru, 1994, għall-ħabta tal-5.00 p.m., fil-limiti tal-Marsa, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni A-8730, minħabba traskuraġni u nuqqas kbira ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, hija ħabtet mal-vettura numru ta' reġistrazzjoni W-9734, proprjetà ta' Julie Anne Edwards li dak il-ħin kienet wieqfa bil-bieb tax-xellug miftuħa;

Li, b'konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura ta' Julie Anne Edwards, numru ta' reġistrazzjoni W-9734, ġarrbet ħsarat

konsiderevoli, iżda billi din il-vettura kienet assigurata *comprehensive mas-soċjetà assikuratriċi attriċi u billi saret claim* ma' din l-istess soċjetà minn Julie Anne Edwards, l-assikurazzjoni ħallset għat-tiswija ta' din il-vettura u għall-kiri waqt il-perijodu ta' tiswija, b'kollox ħallset is-somma ta' Lm340.33,0, *u dana kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt it-*trattazzjoni tal-kawża;

*Li* s-soċjetà assikuratriċi ħallset ukoll, a tenur tal-kundizzjonijiet tal-polza xi ammonti oħra dovuti lil terzi għas-*survey* (Lm8.00,0) u għar-rapport tal-pulizija (Lm3.00,0), u dana ukoll b'konsegwenza ta' dan l-inċident u dana kif sejjer jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża; b'kollox l-assikurazzjoni ħallset is-somma ta' Lm351.33,0;

Li l-konvenuta nterpellata biex tagħmel tajjeb għad-danni kollha sofferti mis-soċjetà assikuratriċi attriċi baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din iċ-ċitazzjoni;

Talab għalhekk li l-konvenuta, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, tgħid għaliex m'għandhiex dina l-Qorti, għar-raġunijiet premessi:

Tiddikjaraha unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li ġara fis-6 ta' Settembru, 1994, fil-limiti tal-Marsa, bejn il-vetturi misjuqa minnha u dik ta' Julie Anne Edwards;

Tillikwida d-danni kollha sofferti minnu u riżultanti minn dan l-inċident tat-traffiku fl-ammont ta' tliet mija u wieħed u ħamsin lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmi (Lm351.33,0), jew somma oħra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

Tikkundannaha tħallsu dik is-somma li tiġi hekk likwidata flimkien ma' l-imgħaxijiet legali;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, kompriżi dawk ta' ittra uffiċjali ddatata 23 ta' Marzu, 1995, kif ukoll ittra uffiċjali oħra ppreżentata kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni;

Rat *id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda ta'* l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet:

Illi l-inċident in kwistjoni ma ġarax b'tort tal-konvenuta, iżda b'tort tar-raġel tas-sewwieqa tal-karozza l-oħra, billi proprju waqt li l-eċċipjenti kienet għaddejja minn ma' ġenb il-karozza l-oħra, il-bieba ta' din il-karozza nfetħet f'daqqa, u hi ma kellha ebda ċans tevita l-ħabta;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenuta;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur *nomine* (fol. 46);

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta (fol. 52);

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Li l-inċident stradali in kwistjoni ġara fi Triq Sir Paul Boffa, f'Raħal Ġdid, li taghti ghas-*Supermarket* Save on. Din it-triq tinsab traċċjata fl-*isketch* tal-pulizija (esebita a fol. 8 tal-proċess) u l-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni W-9734 - *dik* ċjoè ta' l-assigurata - hija murija stazzjonarja rasenti l-ħajt; mentri dik misjuqa mill-konvenuta, bin-numru ta' *reġistrazzjoni* A-8730, tidher għaddejja bejn l-ispazju karreġġjabbli ta' l-istess triq billi, *kif jidher mill-isketch, fil-mument tal-ħabta il-*kumplament tat-triq, fuq iż-żewġ naħat tagħha, kien meħud mill-vetturi parkeġġjati;

L-inċident lamentat huwa, b'mod suċċint, deskritt fl-okkorrenza tal-pulizija (dok. FGC1 - fol. 25) kif ser jingħad:

"Ix-xufier tal-vettura nru. *W-9834 qal li huwa kien* ipparkja fuq in-naħa tal-lemin tat-triq int u dieħel lejn is-Save on. *Il-mara li kienet riekba quddiem fetħet il-bieba tax-xellug u* ħarġet u ħallietha miftuħa biex joħroġ żewġha peress li ma setax joħroġ *min-naħa tiegħu; meta* f'daqqa vettura nru. A-8730, *li* kienet ġejja minn wara, baqgħet dieħla ġol-bieba;

Ix-xufiera l-oħra qalet li s-Sur Edwards fetħilha l-bieba f'daqqa waħda u ma kellhiex ċans tieqaf u aċċidentalment laqtet il-bieba";

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li David Edwards, ir-raġel ta' l-assigurata, li dak in-nhar kien saq il-vettura, ma setax joħroġ min-naħa tiegħu billi kellu jipparkja rasenti l-ħajt biex it-triq tibqa' transitabbli għat-traffiku;

Dan il-fatt, f'ċirkostanzi normali, jew aħjar kieku ma ġarax fejn effettivament issuċċeda, kien jgħaddi inosservat, għaliex

dak li jkun kien, bi ftit tbatija, jinqaleb fis-*seat* tal-passiġġier u, imbagħad, wara li jħares fis-*side mirror* biex jara li la jolqot nies u anqas vetturi, jiftaħ il-bieba biex joħroġ. Iżda, fit-triq in kwistjoni u fiċ-ċirkostanzi prevalenti dak il-ħin tal-parkeġġ, il-ħruġ mill-karozza da parti ta' David Edwards kienet neċessarjament ħaġa riskuża u għalhekk biex wieħed jintentaha wieħed kellu juża prudenza kbira;

Huwa ndubitat li l-konvenuta, kif jissottometti l-attur, kienet obbligata *żżomm a proper look out*, speċjalment fi triq bħal din in kwistjoni. Infatti, fis-sentenza ferm studjata fl-ismijiet **Giuseppa Debono *vs* Philip Camilleri *et*** (Vol. XLVI.I.112), l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kellha l-okkażjoni tgħid li "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi, bħalma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti oħra kontinġenti, u (b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dik li komunement tissejjaħ *a reasonable look out*, liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli ...";

Issa, fil-każ in eżami, il-konvenuta xehdet li kienet qegħda issuq bi *speed* negliġibbli, ċjoè *slow* minħabba proprju ċ-ċirkostanzi tat-triq; xehdet ukoll illi rat mara tiftaħ il-bieba biex toħroġ mis-*seat* tal-passiġġier tal-karozza l-oħra u *waqfet għal* kollox fid-distanza ta' tul ta' karozza biex tħalliha toħroġ. Il-konvenuta kompliet tixhed hekk:

"Jiena qegħda nirreferi għal-*luggage* tal-karozza l-oħra, il-għaliex dina kienet qiegħda pparkjata bil-*luggage booth* tagħha tħares lejn id-direzzjoni fejn kont ġejja jiena. Dina l-mara ħarġet

mill-karozza u mxiet għan-naħa tal-*luggage booth* tal-karozza tagħha. Qabel m'għamlet dan, din il-mara għalqet il-bieba li minnha kienet ħarġet. Dina l-karozza kienet *two door*. Jiena wara illi din il-mara kienet marret mal-*luggage booth* u allura stajt nittransita mit-triq, bdejt insuq u ġara li x'ħin wasalt mal-bieba ta' dina l-karozza reġgħet infetħet din il-bieba minn fejn kienet ħarġet il-mara u dana f'daqqa waħda. Il-bieb reġgħet infetħet proprju kif wasalt magħha jien. Il-konsegwenza kienet illi saret il-ħsara fil-bieb tal-karozza. Jiena lqatt il-bieba bil-*bumper tal-lemin ċjoè tan-naħa tiegħi*";

Fil-kontro-eżami, il-konvenuta qalet hekk:

"Jiena l-ewwel darba li rajt il-karozza, rajt lil din il-mara li semmejt fit-triq bil-bieba miftuħa. Meta jiena waqaft biex nagħti ċans lil din il-mara, li wara sirt naf li hija Julie Edwards, tmur fuq in-naħa ta' wara tal-karozza tagħha, jiena lir-raġel tagħha ma kontx rajtu fil-karozza. Qiegħda niġi mistoqsija x'kien hemm illi ma ħalliniex nara lir-raġel tagħha fil-karozza u jiena nirrispondi illi l-attenzjoni tiegħi kienet fuq Julie Edwards. Jista' jkun illi meta Julie Edwards ħarġet mill-karozza u marret in-naħa tal-*booth* tal-karozza ħalliet il-bieba mhux imsakkra *għal kollox ċjoè mbexxqa xi ftit;*

Żgur illi l-bieba ma kinitx miftuħa imma mbexxqa. Hekk kienet. Kieku għalaqt il-bieba jien kont inkun ċerta jekk għalaqthiex jew le imma la darba dina l-bieba m'għalaqthiex *jien ma ħallejthiex imbexxqa jien qiegħda ngħid illi Julie* Edwards setgħet ħalliet il-bieba mbexxqa imma żgura li ma ħalliethiex miftuħa. L-attenzjoni tiegħi kienet biex nassigura jekk it-triq kinitx transitabbli jew le. Id-distanza bejn il-karozza tiegħi u l-karozza pparkjata tal-konjuġi Edwards, meta ġejt biex ngħaddi kienet ta' bejn żewġ piedi u nofs sa tliet piedi ... Jiena rajt l-ewwel darba lil David Edwards fil-karozza malli saret il-

ħabta. Lil David Edwards ma rajtux jiftaħ il-bieba tal-karozza. Għad-domanda tal-Qorti jekk kienx il-każ illi Julie Edwards għamlitli sinjal jew inkella urietni li żewġha għad irid joħroġ mill-karozza, jiena ngħid illi din Julie Edwards ma tagħtni l-ebda indikazzjoni li żewġha għad irid joħroġ mill-karozza";

Għandu jingħad illi din ix-xhieda tal-konvenuta ma tinsabx kuntrastata mix-xhieda ta' Julie Edwards fl-ebda dettal ta' sustanza u x-xhud David Edwards jikkuntrastaha f'ħaġa waħda biss u dan fis-sens li, filwaqt li huwa jgħid li meta l-vettura tal-konvenuta ħabtet mal-ħabta din kienet *fully open*, l-istess konvenuta tgħid li din il-bieba setgħet kienet imbexxqa, iżda, imbagħad, David Edwards fetaħha f'daqqa u saret il-ħabta;

Dan ifisser illi jinsab assodat illi s-sewqan tal-konvenuta ma kien bl-ebda mod ċensurabbli. Jirriżulta li rregolat is-sewqan tagħha skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi li sabet ruħha fihom; tant hu hekk li l-*ispeed* tal-vettura tagħha kien *slow* u di più, kienet qiegħda żżomm *a reasonable look out*, għaliex jirriżulta ukoll li rat lil Julie Edwards toħroġ mil-karozza u waqfet u stenniet sakemm din marret ħdejn il-*booth* tal-karozza tagħha. Huwa veru li lil David Edwards ma ratux ġol-karozza, iżda *a reasonable look out* ifisser li dan id-dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli jew aħjar *in plain view* fit-triq li minnha jkun qiegħed jittransita u bl-ebda mod m'għandu jiftiehem li sewwieq għandu jara dak li jkun f'karozza pparkjata. Għalhekk, il-konvenuta kienet għal kollox korretta meta xehdet li l-attenzjoni tagħha kienet fuq Julie Edwards u li lil żewġha ma kinitx ratu qabel ma saret il-ħabta. Jiġifieri meta ġiet biswietu;

Ikkunsidrat:

Li Julie Edwards xehdet li meta ħarġet mill-karozza hija

ħalliet il-bieba miftuħa iżda b'mod li karozza oħra setgħet tittransita mingħajr ma taħbat magħha jew mal-karozza tagħhom, li kienet stazzjonarja. Il-konvenuta, da parti tagħha, xehdet li Edwards setgħet ħalliet il-bieba mbexxqa *iżda hi ċerta* li ma ħallithiex miftuħa. David Edwards jgħid li martu ħallietha miftuħa *at about thirty-five (35) degrees*;

Issa hu ċar li jekk il-bieba kinitx imbexxqa jew miftuħa ftit jew xejn għandu mportanza. Dak li hu rilevanti huwa li l-vettura tal-konvenuta kellha *spazju biżżejjed biex tgħaddi mingħajr ma* taħbat mal-bieba jew mal-vettura ta' Edwards. Dan qalitu Julie Edwards stess u kkonfermatu l-konvenuta meta xehdet li meta ġiet biex tgħaddi d-distanza bejn il-karozza tagħha u dik tal-konjuġi Edwards kienet "ta' bejn żewġ piedi u nofs sa tliet piedi";

Jirriżulta li x'ħin Julie Edwards marret mal-*luggage booth* tal-vettura tagħha l-konvenuta reġgħet bdiet issuq. Qabel ma bdiet issuq, il-konvenuta kienet waqfet tul ta' karozza 'l bogħod mil-*luggage booth* tal-vettura ta' Edwards. Għalhekk, biex waslet ħdejn il-bieba (il-karozza ta' Edwards hija *two door*), il-vettura tal-konvenuta mxiet it-tul ta' karozza u, bejn wieħed u ieħor, it-tul ta' nofs il-vettura ta' Edwards;

Il-konvenuta tgħid li meta kienet ittraversat din id-distanza, David Edwards fetaħ il-bieba f'daqqa waħda u saret il-ħabta. David Edwards baqa' ma qalx jekk il-bieba fetaħhiex f'salt jew le. Minflok, Edwards iddeskriva dak li għamel hu; ċjoè li kien fid-*driver's seat*, imbagħad ħares lejn il-*front mirror* biex jaċċerta ruħu li ma kienx ġej traffiku u kellu *an unobstructed view* u, wara li għadda għal fuq il-*passenger seat*, kompla jiftaħ il-bieba biex joħroġ. Hekk kif poġġa siequ fl-art, u allura l-bieba kienet kompletament miftuħa (*fully open*), ġiet il-karozza tal-konvenuta u ħabtet mal-bieba. Huwa xehed li bejn

meta fetaħ il-bieba *fully* u ġrat il-ħabta għaddew minn għaxar (10) sekondi sa ħmistax-il sekonda. Fil-kontro-eżami, Edwards qal li meta mid-*driver's seat* mar fuq il-*passenger seat* "*it never occurred to me to wait for oncoming traffic to pass through*". Inoltre, żied jgħid "*I looked only once at the rear view mirror before trying to get out of the car as I explained*";

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti trid tagħżel bejn jekk temminx lil David Edwards jew inkella toqgħodx fuq dak li xehdet il-konvenuta u ċjoè li dan fetaħ il-bieba f'daqqa waħda u saret il-ħabta;

M'hemmx dubbju li l-obbligu li l-konvenuta kellha li żżomm *a reasonable look out*, baqa' jinkombi fuqha anke meta reġgħet saqet u ġiet biex tgħaddi 'l hemm mill-karozza pparkjata tal-konjuġi Edwards. Il-Qorti, però, ma tista' qatt tasal biex temmen li l-konvenuta ma kinitx tieqaf tempestivament biex tevita l-ħabta kieku verament il-bieba kienet miftuħa *fully* u, kwindi, *in full view*. Il-konvenuta kienet waqfet biex Julie Edwards tkun tista' tmur ħdejn il-*booth* tal-karozza tagħha mingħajr ebda diffikultà u dan meta ma kienx meħtieġ għaliex din setgħet liberament tgħaddi għan-naħa ta' wara tal-karozza tagħha. Terġa' kieku jitwemmen dak li qal Edwards - li bejn il-ftuħ tal-bieba *fully* u l-ħabta għaddew minn għaxar sekondi sa ħmistax-il sekonda - kieku l-karozza tal-konvenuta kienet qiegħda tinsaq kemm kemm tiċċaqlaq (id-distanza li kellha tittransita kienet tat-tul ta' karozza u nofs, kif rajna). Huwa, għalhekk inverosimili li l-konvenuta rat il-bieba miftuħa beraħ, u, b'danakollu, baqgħet issuq ġol-bieba;

Fil-fehma tal-Qorti, huwa aktar probabbli li l-verità kienet li Edwards fetaħ il-bieba beraħ f'salt wieħed, kif sostniet il-konvenuta mill-bidunett. Ċertament, il-fatt li Julie Edwards ma

kkorroboratx lil żewġha fuq dan il-punt li l-konvenuta baqgħet dieħla fil-bieba li kienet miftuħa beraħ iġiegħel lill-Qorti biex tikkonkludi li l-konvenuta kienet veritiera meta xehdet li din il-bieba *infetħet f'daqqa*;

Għalhekk, il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta ma kellha l-ebda tort fl-inċident in *kwistjoni* u *konsegwentement*, il-kawżali taċ-ċitazzjoni baqgħet ma ġietx ippruvata;

Għal dawn il-motivi:

*Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet attriċi; bl-ispejjeż* kontra l-attur *nomine*.